MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 358/2006

**“Il-Pulizija**

**v.**

**David Vella”**

Il-Qorti,

Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon tad-29 ta’ Mejju 2009 li bih ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 ta’ l-Att VII ta’ l-2002 dwar il-*Probation*, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmi David Vella naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex huwa jzomm ‘il boghod mill-vizzju tad-droga;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Gunju 2009 li bih appuntat id-denunzja ghas-smigh ghall-10 ta’ Gunju 2009 fid-9.00 a.m.;

Semghet id-deposizzjoni moghtija quddiemha mill-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon fl-10 ta’ Gunju 2009 u dik ta’ l-addetta tas-SEDQA Vicky Scicluna fis-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju 2009;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat is-sentenza taghha fil-konfront ta’ l-istess David Vella tat-2 ta’ Lulju 2008 li biha kienet iddisponiet mill-appell ta’ David Vella billi rriformat is-sentenza appellata fis-sens illi rrevokatha in kwantu kkundannat lill-imsemmi David Vella ghal piena ta’ prigunerija ta’ sena u nofs u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 446, ordnat li l-imsemmi David Vella jitqieghed taht ordni ta’ *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* ghal tliet snin mid-data tas-sentenza u li jaqdi ordni ta’ servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta’ din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni anness mas-sentenza. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta’ l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Rat l-ordni ta’ *Probation u Servizz fil-Komunita*` ta’ l-istess data maghmul fil-konfront ta’ David Vella li jghid *inter alia* li:

“Billi David Vella (hawn taht imsemmi “il-hati”) gie misjub hati kif indikat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti llum stess li rriformat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-8 ta’ Novembru 2006;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ *Probation* u Servizz fil-Komunita`;

U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni lill-hati u nnutat li huwa wera li jrid ihares il-htigiet ta’ l-istess Ordni;

Tordna li l-hati jkun taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*Probation* ghal zmien ta’ tliet snin millum u li matul il-perijodu ta’ sena millum jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f’dak il-post u skond dawk l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* u bl-approvazzjoni ta’ din il-Qorti u dan kollu taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*Probation*/ufficjal ghas-servizz fil-komunita`, kif ukoll bdawn il-htigiet:

(a) li jirrapporta lill-ufficjal tal-*probation* lilu assenjat mid-Direttur minn zmien ghal zmien skond l-istruzzjonijiet mahruga mill-ufficjal tal-*probation*;

(b) li jirrapporta lill-awtorita` rilevanti minn zmien ghal zmien skond l-istruzzjonijiet mahruga mill-ufficjal ghas-servizz fil-komunita`;

(c) li jwettaq b’mod sodisfacenti ghall-ghadd ta’ sieghat hawn fuq specifikat dak ix-xoghol f’dawk il-hinijiet skond ma jista’ jigi ordnat minn jew f’isem l-awtorita` rilevanti;

(d) li javza lill-ufficjal ghas-servizz fil-komunita` li l-hati jkun mehtieg li jirrapporta lilu/lilha b’kull tibdil fl-indirizz tieghu;

(e) li jaghmel dawk it-testijiet mehtiega li l-ufficjal tal-*probation* iqis opportun sabiex jigi assigurat li l-hati ma jkunx qieghed jabbuza minn kwalunkwe tip ta’ droga, liema testijiet jinkludu li l-hati jaghti *samples* ta’ l-urina tieghu;

(f) li jircievi zjarat ta’ l-istess ufficjal tal-*probation* kemm fid-dar tieghu kif ukoll fuq il-post tax-xoghol.

(g) li jippartecipa fi kwalunkwe programm jew kors mehtieg li jirrigwarda *anger management* u/jew *self-control* u/jew li jindirizza l-atteggjament tieghu lejn persuni ohra u l-agir tieghu in generali fis-socjeta`;

(h) li jaghmel kors fil-*first aid* mas-St. John's Ambulance Brigade."

Ikkunsidrat:

Fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2009 l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon ikkonfermat id-denunzja bil-gurament u stqarret li l-imsemmi David Vella kien ammetta maghha wara li kkonfrontatu li kien irrilepsja u kellha tibaghtu jkellem lit-tobba d-Detox u rega' beda jiehu l-methadone. Dan sar wara li giet infurmata mill-*care worker* li kien qieghed jiehu hsieb l-attendenza tal-*probationer* f'Villa Chelsea (fejn il-*probationer* kien qieghed jaghmel servizz fil-komunita`) li kien immissja xi drabi. Vicky Scicluna kkonfermat li kien hemm *relapse* u qalet li dan kien dovut ghall-fatt li hemm persuna tghix mieghu d-dar, huh, li ghandu problema tad-droga qawwija. Qalet li taqbel li ghad ghandu bzonn ta' ghajnuna u rijabilitazzjoni u t-talba tieghu biex jigi riammess qed tigi kkunsidrata.

Issa, il-kondizzjonijiet li saru fl-ordni ta' *Probation u Servizz fil-Komunita`* kienu intizi sabiex il-*probationer* jibqa' mbieghed mill-vizzju tad-droga. Sahansitra wahda mill-kondizzjonijiet kienet li jaghmel dawk it-testijiet mehtiega li l-ufficjal tal-*probation* iqis opportun sabiex jigi assigurat li l-hati ma jkunx qieghed jabbuza minn kwalunkwe tip ta' droga, liema testijiet jinkludu li l-hati jaghti *samples* ta' l-urina tieghu. Sfortunatament irrizulta illi l-*probationer* kellu *relapse* u dan nonostante l-ghajnuna kollha li kienet qed tinghatalu sabiex ikompli t-triq it-tajba li deher li kien qabad meta kien sahansitra spicca l-fazi residenzjali tal-programm ta' rijabilitazzjoni tal-Komunita` Santa Marija.

Dan ifisser li David Vella kiser l-ordni ta' *Probation u Servizz fil-Komunita`* peress illi naqas milli jwettaq is-servizz fil-komunita` fil-hinijiet kollha li kellu jattendi ghal tali xoghol u peress illi naqas milli jzomm 'il boghod mid-droga. Peress illi din il-Qorti tqis in-nuqqasijiet ta' l-imsemmi David Vella bhala nuqqasijiet serjissimi, sejra tittratta mieghu kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti konsegwentement rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Vella li dwarhom din il-Qorti, permezz tas-sentenza taghha tat-2 ta' Lulju 2008 iddecidiet li takkordalu l-beneficcju ta' ordni ta' *Probation u Servizz fil-Komunita*`, u cioe` talli:

(1) Fit-3 ta' Dicembru 2000 f'xi hin wara nofsinhar gewwa San Giljan hebb ghal Sean Cassar u kkagunalu feriti ta' natura gravi u dan skond kif iccertifikaw it-tobba Joe Abela tal-Isptar u Dr. Khan tal-Mosta;

(2) Fl-istess zminijiet indikati hawn fuq, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq zewg nuccalijiet tax-xemx, ghad-dannu ta' Sean Cassar u Michelle Bartolo liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin pero` hija izjed minn ghaxar liri Maltin;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lill-imsemmi Sean Cassar bi kliem u anki b'oggett iebes sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u l-glied;

(5) Fl-istess zminijiet imsemmija hawn fuq kellu fil-pussess tieghu arma irregolari liema arma irregolari giet uzata ghall-offiza fuq il-persuna ta' Sean Cassar.

Issa, minkejja l-isforzi kbar li saru minn diversi persuni, inkluz l-istess David Vella li kien ghamel progress kbir hafna, jidher li ma kienx sod bizzejjed fir-rieda tieghu li ma jergax jiccappas mad-droga u dan minghajr ma qaghad iqis il-konsegwenzi ta' tali nuqqas. B'hekk din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra ghajr li tapplika r-riguri tal-ligi kriminali kontra dan il-hati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-

*probationer* David Vella kiser il-kondizzjonijiet ta' l-ordni ta' *Probation u Servizz fil-Komunita`* tat-22 ta' Lulju 2008 maghmul minn din il-Qorti, qed tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk ir-reati, u filwaqt li tikkonferma li l-procediment hu ezawrit fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u tikkonferma l-htija fir-rigward ta' l-ewwel, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' *Probation u Servizz fil-Komunita`* maghmul bis-sentenza ta' din il-Qorti fuq imsemmija, u wara li rat l-artikoli 216 u 333 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 11 u 13 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil David Vella ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------